# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Jannar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 690/2018 TA**

**Ħlas ta' dejn Art 167(1)(a) Kap. 12**

**JJ Scerri Co Limited (C19742)**

**vs**

**Mario Falzon (I.D 515972 M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjetá Attriċi JJ Scerri Co Limited ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. ''Illi l-esponenti biegħet u kkunsenjat numru ta' appliances lill-intimat fuq inkarigu tiegħu stess, u dan kif jirriżulta mill-annessi fatturi li qed jiġu mmarkati Dok. JJ1.

2. Illi l-ammont kumplessiv dovut għall-imsemmija appliances mibjugħin huwa dak ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€43,202.84).

3. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex l-intimat iħallas l-imsemmi ammont ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (643,202.84), anke permezz ta' ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju 2018, huwa baqa inadempjenti;

4. Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ma kelliex għażla oħra ħlief li tintavola din il-kawża;

5. Illi l-imsemmi ammont ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€43,202.84) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt mil-intimat lir-rikorrenti u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti, l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (643,202.84) rappreżentanti l-prezz ta' appliances mibjugħa u kkunsenjati mir-rikorrenti lill-intimat fuq inkarigu tiegħu stess.

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€43,202.84) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni''.

Rat id-digriet mogħti fil-verbal tat-18 ta' Settembru 2018 permezz ta' liema din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, deherilha li jeżistu ċirkostanzi fil-liġi li jagħtu jedd lill-konvenut sabiex jopponi t-talba attriċi u ppermettiet lill-istess konvenut sabiex jikkontesta l-kawża u tatu żmien għoxrin (20) jum sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mario Falzon (il-konvenut) preżentata fit-2 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

**L-EĊĊEZZJONIJIET:**

1. ‘’Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dana peress illi l-ebda ammont ma hu dovut għax, abbażi tal-ftiehim milħuq, il-prezz ta' l-appliances konsenjati kien ġie paċut ma' ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt ta’ "internal & external finishings" li l-eċċipjent eżegwixxa fil-villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar.

2. Illi assolutament bla preġudizzju għall-premess l-esponent ma jaqbilx ma' l-ammont reklamat u għandu jiġi ridott.

3. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

**IL-FATTI:**

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti biegħat u kkonsenjat lill-esponent numru ta' appliances Kontestwalment, l-esponent kien qed jeżegwixxi appalt ta' "internal & external finishings" fil-villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar, għal, Michael u Doris k/a Doreen konjuġi Scerri li hija Direttriċi u azzjonista maġġoritorja fis-soċjeta' rikorrenti. Kien sar arranġament illi l-prezz ta' dawn l-appliances kellu jiġi paċut ma' ammont ekwivalenti dovut fuq l-imsemmi appalt. Fil-fatt, ammonti ta' €11,804.17c, €20,037.11c, u €16,000 dovuta bħala prezz ta' appliances mixtrija mingħand is-soċjeta' rikorrenti kienu ġew paċuta ma ammonti ekwivalenti dovuta fuq l-istess appalt. Anki l-ammont issa pretiż mill-Kumpanija kien ġie offsetted ma' ammont ekwivalenti ieħor rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' l-istess appalt.

2. Illi peress illi ġiet intavolata kontra l-esponent il-kawża odjerna, huwa kellu ukoll jipproċedi ġudizzjarjament permezz tal-kawża fl-ismijiet "Mario Falzon-vs-Michael Scerri et", Rikors Guramentat numru 737/2018RGM, għal kundanna ħlas tal-bilanċ ta' €61,846.13c fuq l-imsemmi appalt [Ara Dok. "A" hawn unit], liema kawża tinsab appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-21 ta' Novembru 2018. In vista tal-fatt li hemm konnessjoni ta' azzjonijiet, l-esponent qed jippreżenta r- Rikors opportun ħalli l-kawża fl-ismijiet "Mario Falzon-vs- Michael Scerri et tiġi rikjamata quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta u ż-żewġ kawżi jinstemgħaw flimkien.

3. Illi l-kwantum ta' l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi qed jiġi ukoll kontestat: il-fattura 32819 tirreferi għall-appliances li irriżultaw li kienu difettużi; l-fatturi 32985 u 33716 ma jirriżultaw minn imkien tant li l-"purchase orders" u d-"delivery notes" relattivi ma rriżultawx; u l-"credit note" 32902 ingħatat mingħajr l-inklużjoni tal-vat li kienet oriġinarjament ġiet inkluża’’.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Semgħet ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Novembru 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Is-Soċjetá Attriċi istitwiet dawn il-proċeduri sabiex il-Konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha s-somma ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€43,202.84).

Is-Soċjetá Attriċi ssostni, li din is-somma tirrappreżenta l-prezz ta' appliances mibjugħa u kkunsenjati minnha lill-Konvenut fuq inkarigu tiegħu skont il-fatturi preżentati (a' fol 5 sa 42). Dawn il-fatturi jkopru l-perjodu ta' bejn id-29 ta' April 2016 u s-26 ta' April 2018.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni eżerċitata mis-Soċjetá Attriċi hija għalhekk waħda għall-ħlas ta' bilanċ ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq.

Is-soċjetá Attriċi fetħet din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita taħt l-Artikolu 167(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li l-Konvenut ikkontesta din l-azzjoni, din il-Qorti tgħat lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu (ara verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru 2018 a' fol 47). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-konvenut, li jopera ditta bl-isem ta' ProMan Interiors, jirrikonoxxi d-dejn pretiż mis-soċjetá Attriċi iżda f'ammont ta' €28,706.87c u mhux dak pretiż ta'

€43,202.84. Pero' Il-konvenut xorta jsostni li dan l-ammont xorta ma huwiex dovut "*għax, abbażi tal-ftehim milħuq, il-prezz ta' l-appliances konsenjati kien ġie paċut ma' ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt ta' "internal & external finishings" li l-eċċipjent eżegwixxa fil-villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar*".

Skont il-Konvenut, f'Marzu tas-sena 2013 avviċinaħ ċertu Michael Scerri li preżenta ruħu bħala Direttur u sid tas-Soċjetá Attriċi. Talbu jagħmel xogħol li kien jikkonsisti f'*finishings* f'villa li tagħha "*hu u martu Doris magħrufa bħala Doreen Scerri kienu l-proprjetarji*"(affidavit Konvenut a' fol 343 para 2). Il-Konvenut jgħid li huwa aċċetta u beda jeżegwixxi dan ix-xogħol filwaqt li beda wkoll jordna l-appliances mis-soċjetá Konvenuta. Il-konvenut isostni li b'dan il-ftehim fi kliem il-konvenut kellu jkun fis-sens li "*noperaw sistema ta' "set-off" fis-sens illi l-kontijiet ta' l-appalt tat-"turnkey project" tal-villa jiġu paċuti ma' kontijiet ekwivalenti ta' l-appliances, naturalment dan safejn kien possibbli.*" (ara affidavit konvenut a' fol 343 para 5; ara wkoll xhieda tiegħu a' fol 250).

Kif ġie tajjeb ritenut, "*t-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni (Art. 1145(d) tal-Kap 16). It-tpaċija sseħħ meta tnejn min-nies ikunu debituri lejn xulxin (Art. 1196(1) tal-Kap 16), u sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu* ***żewġt idjun fi żmien wieħed*** *joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs (Art. 1196(2) tal-Kap 16).*

*19. Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt (Caruana-Galizia Notes on Civil Law :*

*Obligations, paġ. 365). Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;*

*20. Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha (Ara* ***Sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ tas-26.11.1984, fl-ismijiet Merċieca noe -vs- Debono et[Kollez. Vol: LXVIII.iv.235]*** *u kif ukoll* **Middlesea Insurance p.l.c. -vs- Raymond Avallone, Qorti tal-Appell, 28 ta' Ġunju 2018** interessanti ukoll ***Noti ta' Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365***).

It-tpaċija hija għalhekk "*forma ta' pagament, ... u bhala tali trid tigi ppruvata minn min jallegha.*" (**C. Fino & Sons Limited vs Polidano Bros Limited), Qorti Ċivili Prim' Awla, 14 ta' Ottubru 2004**).

Bl-eċċezzjoni tiegħu l-Konvenut qed jissolleva tpaċija li seħħet "abbażi ta' ftehim milħuq" u għalhekk tpaċija konvenzjonali. Bħala prova ta' dan, l-Intimat preżenta numru ta' dokumenti markati Dok. MF1 (fol 346), Dok. MF2 (fol 348) u Dok. MF3 (fol 357).

Dok MF 1 jikkonsisti f'irċevuta temporanja numru 9995 datata 2 ta' Frar 2015 maħruġa mill-konvenut għal ħlas b' "*Cheque*" mis-Soċjetá Attriċi fl-ammont ta' €11,804.17 (fol 346), depositu f'kont bankarju li sar fit-3 ta' Frar 2015 fl-ammont ta' €17,620.15 (fol 347) u rċevuta numru 14416 datata 2 ta' Frar 2015 maħruġa mis-Soċjetá Attriċi għal ħlas mill-konvenut fl-ammont ta' €13,085.31 (ibid.).

Skont il-konvenut, Dok. MF1 juri "*L-ewwel kont li ħriġt lil Michael u Doreen Scerri għax-xogħolijiet li jien eżegwejt fuq l-appalt tal-villa [li] kien ta' Ewro 11,804.17c. Dan l-ammont ġie paċut ma' ammont ekwivalenti ta' xiri ta' appliances li jien għamilt mingħand JJ Scerri Company Ltd. Dan sar billi jien ħriġt cheque pagabbli lilu għal dan l-istess ammont bħala ħlas akkont ta' l-appalt. Skambjajna ukoll ir-riċevuti rispettivi.*" (affidavit fol 344 para (i)).

Dok MF 2 jikkonsisti fis-segwenti:

1. Irċevuta temporanja numru 10123 datata 18 ta' April 2016 maħruġa mill-konvenut għal ħlas b'"*Cash*" mis-Soċjetá Attriċi fl-ammont ta' €20,037.11 (fol 348);
2. E-mail datata 3 ta' Frar 2016 mibgħuta lil konvenut minn Michael Scerri b'indirizz elettroniku li jinkludi isem il-kumpanija (mscerri@jjserri.com), intitolata "*re. outstanding balance due to JJ SCERRI COMPANY LIMITED*" (fol 349). F'din l-email Michael Scerri għamel elenku ta' "*deposits already paid*" u ta' "*further payments being deducted from JJ Scerri Co.*" għal xogħlijiet ta' finishings li preżumibbilment wettaq il-Konvenut fil-villa tiegħu u ta' martu. Micheal Scerri intitola dan l-elenku bħala "*Breakdown of the deposits <u>which I have offset</u> from the balances due to JJ Scerri Co. LTD.*" (sottolinear tal-Qorti). Minn dan l-elenku l-istess Michael Scerri ikkonkluda li "Total amount deducted from the amount due to JJ Scerri Company Limited as at 31$^{ST}$ January 2016. Is- €20,266.79 Balance due nil. As at 31$^{ST}$ January 2016."

3. E-mail datata 21 ta' Ġunju 2016 mibgħuta mill-konvenut lill-istess Michael Scerri u lill-ċertu Robert Massa u kkupjata lil persuna bl-indirizz elettroniku dscerri@jjscerri.com, preżumibbilment lill-mara ta' Michael Scerri Doreen (fol 350). Permezz ta' din l-email intbgħatet kopja tal-"*ProMan Turnkey Works Report Sheet*" datata 30 ta' April 2016 (a' fol 351).

4. Tlett kontijiet b'notamenti fuqhom, wieħed datat 9 ta' Mejju 2016 (fol 352) u tnejn datati 18 ta' April 2016 (fol 353 u 354) maħruġa mis-Soċjetá Attriċi fil-konfront tad-ditta tal-konvenut (fol 352);

Skont il-Konvenut Dok. MF2 juri "*It-tieni kont li ħriġt lil Michael u Dorren Scerri għax-xogħlijiet fuq l-appalt tal-villa* [li] *kien ta' Ewro 20, 037.11c. Dan l-ammont ukoll ġie paċut ma ammont simili li jien kelli ngħati lil JJ Scerri Company Ltd. Erġajna skambjajna r-riċevuti rispettivi. B'dan il-pagament jiena ħallast l-ammont kollu li kien dovut lil JJ Scerri Company Ltd.*" (affidavit fol 344 para (ii)) Dok MF3 jikkonsisti f'irċevuta temporanja numru 10124 datata 23 ta' Ġunju 2016 maħruġa mill-Konvenut għal ħlas b'"*Cash*" mis-Soċjetá Attriċi fl-ammont ta' €16,000 (fol 355);

Skont il-Konvenut, Dok MF3 juri "*It-tielet kont li ħriġt lil Michael u Doreen konjuġi Scerri bħala ħlas tax-xogħlijiet li kont għamilt fuq il-villa tagħhom* [li] *kien fl-2016 ta' Ewro 16,000 li Michael Scerri ħallasni b'cheque ta' Ewro 8,000 u tani Ewro 8,000 in kontanti. Irrid ngħid li dak iż-żmien ma kelli ngħati xejn lil JJ Scerri Co Ltd għax kollox kien imħallas lilha*" (affidavit fol 344 para (iii)).

Il-Qorti tirrileva bir-rispett, li dawn il-provi ma jurux ftehim ta' tpaċija iżda ftehim ta' modalita' ta' ħlas bil-mezz ta' skambju ta' ċekkijiet jew ħlas bi flus kontanti. Il-konvenut stess a' fol 252 jikkwalifika dan il-ftehim bħala tali, meta fissru bħala "*payment terms*". Il-konvenut innifsu wkoll stqarr li "*l-arranġament li kien hemm bejn Mario Falzon u Michael Scerri kellu konnotati daqsxejn differenti mis-solitu tpaċija li nafu biha" (ara nota a' fol 389 para 4*). Tabilħaqq dan l-arranġament kellu konnotati hekk differenti, għaliex kien wieħed li jwassal biex l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom jispiċċaw bil-ħlas a tenur tal-artikolu 1145(a) u mhux bi tpaċija a tenur tal-artikolu 1145(d).

Jiġi rilevat ukoll li s-Soċjeta Attriċi hija munita b'personalitá ġuridika separata u distinta minn Michael Scerri, irrispettivament huwiex jew le d-direttur tagħha. Għaldaqstant Michael Scerri ma seta qatt, anke li kieku ried, jidħol fi ftehim biex isseħħ din it-tpaċija vantata mill-Konvenut. Dan minħabba li Michael Scerri u l-Konvenut qatt ma kienu '*debituri lejn xulxin*' iżda wieħed debitur lejn il-konvenut għall-appalt fil-proprjetá li l-konvenut jaf, għax stqarra fl-affidavit tiegħu stess, li hija tiegħu personali, u l-ieħor debitur lejn is-soċjetá Attriċi għall-bejgħ tal-appliances. Ladarba dawn ma humiex debituri lejn xulxin, ma jistgħu jissussistu ebda djun li '*joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs*' (ara kwotazzjoni supra meħuda minn **Middlesea Insurance p.l.c. v. Raymond Avallone** ġia ċitata).

Kif mgħallem "*Perche' possa prospettarsi la compensazione e' sufficiente che fra I due soggetto intercorrano rapporto di debito e credito liquidi ed esigibili, cioe' che possa riscontrarsi una reciproca, autonoma posizione debitoria e creditoria. Non ha rilevanza in proposito, che vi sia identita' di titolo da cui le*

*reciproche posizioni debitorie derivano, purche' I reciproci crediti siano autonomi e non interdipendenti, con le caratteristiche della liquidita' e della esegibilita'"* (**Qorti ta' Kassazjoni Taljana, 1972, n.2233, Giust. Civ.,Mass.1972, 1251**).

Għalhekk jiġi ukoll rilevat li t-tpaċija xorta ma tistax isseħħ, lanqas li kieku Michael Scerri u l-Konvenut kienu effettivament debituri lejn xulxin. Dan minħabba li l-kontijiet li qed jeżiġi l-konvenut għal dan l-appalt huma manifestament kontestati (ara korrispondenza bil-mezz tal-e-mails a' fol 223 sa 225; Rikors Ġuramentat numru 737/2018RGM a' fol 230 istitwit mill-Konvenut fit-12 ta' Lulju 2018, jiġifieri ġimgħatejn wara li ġew istitwiti dawn il-proċeduri; Risposta Ġuramentata u kontestwali Kontro-talba preżentati fl-24 ta' Ottubru 2018 a' fol 234 u 241).

Kif ġie tajjeb ritenut, "*It-tpacija, meta ma toperax ipso uire, trid tkun miftehma u accettata, u ma tistax tigi imposta minn parti wahda. Parti ma tistax ma thallasx dejn ammess billi tpacih ma kreditu li hi qed tirreklama u li hu kontestat mill-parti l-ohra. Biex din it-tpacija tkun tista' issehh, irid jirrizulta ftehim, u f'dan il-kaz, dan il-ftehim ma jirrizultax; fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta' konvenuta, li jirrizulta huwa x-xewqa taghha li ssir it-tpacija, izda ma tirrizulta ebda accettazzjoni li dan isehh. ...*

*it-tpacija topera ma dejn* <u>*ammess*</u> *minn din is-socjeta', u s-socjeta' konvenuta ma tistax tistahba wara l-ftehim ta' tpacija, unilateralment "iżżid" il-kreditu dovut lilha, u b'hekk tonqos li thallas dak dovut minnha. It-tpacija miftiehma, jekk kienet tezisti, kienet tkopri djun reciproci li jkun hemm qbil dwarhom, u parti ma*

*tistax, bl-iskuza li ghandha topera t-tpacija, tiffissa kreditu dovut lilha, u avvolja dak il-kreditu jkun kontestat, tinsisti fuq it-tpacija. Il-ftehim ta' tpacija zgur li ma kienx jikontempla tpacija ta' sommom, ikunu kemm ikunu, reklamati mill-partijiet, izda kienet tikontempla qbil fuq il-kreditu pretizi, u la darba s-socjeta' attrici qed tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' somma ulterjuri fuq ix-xoghol tal-iskavar* [fil-każ odjern xogħol ta' appalt] ..., *t-tpacija ma tistax topera. Din il-Qorti ma tistax u mhix se tippromenzja ruhha fuq il-meritu ta' dak miftiehem mill-partijiet dwar x'kellu jkun il-hlas ghax-xoghol tal-iskavar* [fil-każ odjern xogħol ta' appalt]*, izda la darba hemm kontestazzjoni, is-socjeta' konvenuta ma tistax tpaci dak li ghandha taghti ma' somma reklamata minnha izda kontestata, u dan anke jekk kien sar qbil li x-xoghol kellu mwettaq "ghal Wallace Fino" kellu jigi pacut mal-prezz tal-ghamara, meritu ta' din il-kawza. It-tpacija, se mai, topera bejn ammonti li hemm qbil dwarhom, u mhux fuq ammonti sa issa kontestati. Il-ftehim, jekk sar, zgur ma kkontemplax tpacija ta' krediti kontestati;*" (**C. Fino & Sons Limited v. Polidano Brothers Limited**, ġia ċitata supra).

Fi kliem ieħor, "*Fil-kaz de quo ghandek kontestazzjoni manifesta u ghalhekk ma setax il-konvenut arbitrarjament jiddetermina hu li ghandha topera l-kompensazzjoni (Ara Sentenza fl-ismijiet* ***Patrick Falzon Gough -vs- Albert Mizzi noe****", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994); Dan anke kieku kellu jitqies li l-attur kien debitur tal-konvenut. Fatt dan li fil-kaz in ezami lanqas biss jezisti*". (**Sentenza fl-ismijiet Mark Rota et -vs- Leslie Hair, Qorti tal-Appell (sede inferjuri), tal-31 ta' Jannar 2003**).

Isegwi għalhekk li dan id-dritt eċċepiet mhux permessibli u għaldaqstant m'għandux jiġi eżerċitat. Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni sollevata mill-Konvenut u tgħaddi biex tqis il-quantum minnu dovut.

Il-Konvenut qed isostni li l-ammont effettivament minnu dovut lis-soċjetá Attriċi huwa ta' €28,706. Kif sewwa s-sottomettiet l-istess Soċjetá Attriċi, l-konvenut baqa' ma preżentax fit-terminu prefiss minn din il-Qorti (ara verbal a' fol 367) l-istatement ta' kif wasal għal dan l-ammont (ara xhieda a' fol 375). Dan madanakollu ħass li kellu jispjegaħ fil-paragrafi 10 sa 12 tan-nota tiegħu (a' fol 392 u 393). Il-Konvenut ssottometta il-kalkoli tiegħu fuq figuri elenkati fi statement tas-Soċjetá Attriċi preżentat mill-Konvenut stess (a' fol 319 sa 322), u fuq ħlasijiet effettwati b'ċekkijiet li jġibu data anteċedenti l-perjodu ta' bejn id-29 ta' April 2016 u s-26 ta' April 2018 fejn fiħ sar il-bejgħ u l-konsenja ta' appliances li tagħhom is-soċjetá Attriċi qed titlob il-ħlas lilha dovut.

Is-Soċjetá Attriċi iżda ma waslitx għall-ammont reklamat minnha abbażi ta' dan l-istatement prodott mill-Konvenut u/jew dawn il-ħlasijiet minnu effettwati. Hija waslet għal dan l-ammont wara li ġew minnha magħduda flimkien il-prezzijiet indikati fil-fatturi preżentati minnha u riprodotti bid-*delivery notes* magħhom ( Ara a' fol 5 sa 42 u a' fol 120 sa 194). Kif iddikjarat Doreen Scerri in kontro-eżami, dawn il-fatturi ma humiex ta' deliveries "*on consignment*" mertu ta' kawża oħra (ara k/eż a' fol 315) iżda ta' appliances mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut mertu ta' din il-kawża (ara fol 118 faċċata 2).

Kif spjega fix-xhieda tiegħu, l-*accountant* Jacques Scerri, direttur tas-Soċjetá Attriċi, "*trid tagħmel distinzjoni bejn statement u invoice. Invoice, hija l-*

*final. Invoice hija meta jkun l-att finali. Jiġifieri meta jkun hemm il-contract of sale biex nifthemu. L-istatement huwa a recollection, jiġifieri a summary of all of everything including dawk li huma invoices, u dawk li huma on consignent.*" (fol 326).

Il-Qorti tinnota li fl-ebda mument dawn il-fatturi ma ġew ikkontestati mill-Konvenut. Anzi jirriżulta li dawn kienu ġew aċċetati minnu bla riżerva:

"***Qorti:*** *Meta kontu toħorġulu l-invoice lilu, kien ikollu kopja?*

***Xhud:*** *Mela.*

***Qorti:*** *Qatt qalilkom xi ħaġa fuq kif qed toħroġ?*

***Xhud:*** *Le le le qas xejn.*" (a' fol 326).

Il-Qorti għaldaqstant tara li m'għandha ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba tas-Soċjeta Attriċi kif mitluba.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenut.**

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€43,202.84) rappreżentanti l-prezz ta' appliances mibjugħa u kkunsenjati mir-rikorrenti lill-intimat fuq inkarigu tiegħu stess.

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-intimat iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u żewġ Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu

(€43,202.84) bl-imgħaxijiet legali mill-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** ta' din il-Kawża a' karigu tal-Konvenut.

Imħallef Toni Abela

Deputat Reġistratur